**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 139/2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**-Vs-**

**OMAR DJELASSI**

**Illum, 18 ta' Settembru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMAR DJELASSI**, ta' 24 sena, iben Noureddine u Maria Concetta nee Coleiro, imwieled Pieta' nhar l-1 ta' Marzu 1997, residenti gewwa Ent B, Blk 1, Flt 6, San Gwann t'Ghuxa, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 99097M li tressaq quddiemha akkużat talli fis-16 ta' Diċembru 2020 bejn is-02:30hrs u 03:00hrs ġewwa Triq il-Vittorja, l-Isla, ġewwa l-Gżejjer Maltin:-

1. Volontarjament ta nar lil vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni RDN021 tal-għamla Fiat Punto għad-detriment ta' Jessica Zammit, Joan Genovese u/jew ta' persuni oħra, filwaqt li l-ħruq qabbad vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBR564 tal-għamla Kia għad-detriment ta' Victor Caruana kif ukoll ikkaġuna ħsara fuq ir-residenza 36, 'Missing', Triq il-Vittorja, fl-Isla, għad-dannu ta' Darin Brincat u liema nar setgħa qabbad bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm ġewwa xi persuni;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe għamel ħsara volontarja fuq l-vetturi u bini hawn fuq imsemmija, liema ħsara tiskorri il-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Jessica Zammit, Joan Genovese, Victor Caruana u Darin Brincat u/jew persuni oħra;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, mogħtija mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D nhar it-18 ta' Ġunju 2020, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 10 ta' Settembru 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Caroline Farruġia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-ħelsien mll-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Omar Djelassi, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħamest'elef u tlett mitt Euro (€5,300) jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur, tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesa, hekk kif maħsub fl-Artikolu 533 *et sequitor* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti finalment kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Jessica Zammit, Joan Genovese, Victor Caruana u Darin Brincat kif ukoll il-familjari tagħhom.

Semgħet lill-imputat iwieġeb mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikolu 317 tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 28A u 28B(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 579(1)(2)(3) taal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-arikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023 iddikjarat il-provi tad-difiża magħluqa;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mid-difiża fid-9 ta' Settembru 2024 kif awtorizzat fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa każ ta' allegat ħruq volontarju. L-imputat Omar Djelassi qed jiġi mixli li ta n-nar lill-vettura tal-għamla Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni RDN-021, ta' lewn griż, li kienet ipparkjata fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Diċembru 2020 ġewwa Triq il-Vitorja, Isla. Din l-vettura kienet liċenzjata f'isem Jessica Zammit[1] u kienet tintuża minn ommha Joan Genovese. Il-Prosekuzzjoni tallega wkoll illi kawża ta' dan il-ħruq, qabdet ukoll b'mod sekondarju il-faċċata tad-dar bin-numru 36, Missing, Triq il-Vitorja, Isla li quddiemha kienet ipparkjata l-vettura Fiat Punto, kif ukoll il-vettura tal-għamla Kia Picanto bin-numru ta' reġistrazzjoni DBR-564 liċenzjata f'isem Victor Caruana[2], li kienet ipparkjata immedjatament quddiem il-vettura li nħarqet dolożament.

Ikkunsidrat;

Illi qabel tibda tevalwa l-provi biex tiddetermina jekk il-Prosekuzzjoni ressqitx provi biżżejjed biex tista' tinstab ħtija fl-imputat għad-delitti li jinsab mixli bihom, il-Qorti tirrileva illi l-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-gudikant, iċ-ċertezza assoluta tal-ħtija, u dan għaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fis-sistema ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-

[1] Ara xhieda Stephen Cachia, 29 ta' April 2021 u 30 ta' Marzu 2022, Dok. SC1.
[2] Ara xhieda Stephen Cachia, *ibid*. Dok. SC2.

sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova hu l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[3], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ħjiel ta' dubju. Fi kliem iehor, il-ġudikant, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, irid ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, tqis li jkun opportun li tiċċita dak li qal Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[4] fir-rigward tat-tifsira tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasona ble doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Ikkunsidrat;

Joan Genovese u Jessica Zammit xehdu illi huma kellhom suspett li l-awtur tal-ħruq tal-vettura tagħhom, huwa l-imputat Omar Djelassi. Mix-xhieda tagħhom jirriżulta illi Jessica Zammit, is-sid liċenzjat tal-vettura RDN-021, bint Joan Genovese, għandha

[3] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.
[4] 1974 - 2 ALL ER 372.

wild minuri in komun mal-imputat li miegħu kellha relazzjoni fil-passat iżda r-relazzjoni tagħhom kienet intemmet xi sentejn qabel[5].

Jessica Zammit xehdet li fl-10 ta' Settembru 2020, ftit xhur biss qabel il-ħruq tal-vettura, kien inħareġ fil-konfront tal-imputat ordni ta' protezzjoni (Dok. JZ1) għall-protezzjoni tas-sigurta' tagħha u dan fil-kuntest ta' proċeduri kriminali oħrajn li dak iż-żmien kienu pendenti fil-konfront tal-imputat[6], minħabba messaġġi ta' theddid li kienet qed tirċiei permezz ta' messaġġi fuq Facebook. Ikkonfermat ukoll illi l-imputat Omar Djelassi kien instab ħati ta' diversi reati fil-konfront tagha u ta' ommha, u dan permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Ottubru 2020[7].

Mix-xhieda ta' Joan Genovese jirriżulta illi huma bdew jirċievu serje ta' messaġġi ta' theddid fuq Facebook messenger mingħand profili differenti[8] in segwitu għall-ħruq tal-vettura tagħhom, senjatament fis-7 ta' Jannar 2021 u fid-9 ta' Jannar 2021, liema messaġġi kienu indirizzati kemm lilha kif ukoll lil bintha, fejn saret referenza diretta f'diversi messaġġi, għall-ħruq tal-vettura ta' Joan Genovese ftit ġimgħat qabel u għall-fatt li akkwistat vettura ġdida. F'dawn il-messaġġi saret theddida li tinħaraq ukoll il-vettura l-ġdida tagħha kif ukoll il-faċċata tad-dar ta' bintha. Il-persuna li bagħtet dawn il-messaġġi tassumi wkoll ir-responsabbilita' għall-ħruq tal-vettura tal-għamla Punto.

Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li l-persuna li bagħtet dawn il-messaġġi għandha konoxxenza intima tal-familja ta' Joan Genovese u Jessica Zammit għaliex jissemma anke t-tfal u l-aċċess li din il-persuna għandha għat-tifla, filwaqt li r-ritratt tal-profil ta' 'Haha Huhu' huwa ritratt ta' Jessica Zammit u l-partner korrenti tagħha[9].

---

[5] Ara xhieda ta' Jessica Zammit, 24 ta' Marzu 2021, u stqarrija ta' Omar Djelassi (Dok. KV1)
[6] **Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) v. Omar Djelassi**.
[7] Jista' jkun li s-sentenza ingħata fl-4 ta' Ottubru 2019 u li s-sena '2020' ġiet indikata bi żball fis-sentenza f'paġna 216 *et seq* tal-atti tal-kompilazzjoni.
[8] 'Haha Huhu' (Dok. JG1), Jane Cassar (Dok. JG2) u 'Gej Għalik' Dok. JG3)
[9] Ara xhieda ta' Joan Genovese, 22 ta' Marzu 2021 (Dok. JG1, paġna 56 tal-atti proċesswali) u xhieda ta' Jessica Zammit, 24 ta' Marzu 2021 (Dok. JZ2, paġna 202 tal-atti).

Fil-fatt, mill-provi jirriżulta illi l-imputat Omar Djelassi għandu aċċess għal bintu minuri li għandu in komun ma' Jessica Zammit, darbtejn fost il-ġimgħa għal ftit sigħat u fi tmiem il-ġimgħa għal 24 siegħa. L-arranġamenti għall-eżerċizzju tal-aċċess għat-tifla tagħhom kienu jsiru ma' omm l-imputat, Mary Coleiro, filwaqt li Joan Genovese ta' spiss kienet twassal lit-tifla għandha kif ukoll tiġborha mir-residenza tagħha ġewwa Bormla. Mix-xhieda jirriżulta wkoll illi Jessica Zammit ma tgħix ma' ommha, filwaqt li l-istess Joan Genovese għandha tfal oħra – tewmien – li wkoll jgħixu magħha.

Is-segwenti huma wħud mill-messaġġi msemmija, li juru li l-persuna li bagħtithom taf sew lill-familja ta' Joan Genovese u hija familjari wkoll mal-movimenti tagħhom, u taf ukoll fejn joqogħdu[10]:-

"*... illejla ja tihu qatta ikbar mili hadet ommok ax bla dar ha tispica forsi tkun go fija ...* ***avolja ga strihajt ax il karozza ta ommok hadet in nar hahha*** *adijla dal messag il ghaziza bintek*"[11]

"***e bilhaq xtrajt karozza****? Hali filkas ibatli pic taf int* ***jivdali naqa petrol nahlih fuq il karozza tijek****...*"[12]

"*Ara kif ha tamlu u isibu min jin ax* ***ilum dizastru arr min tal karozza ha namlu*** *hahha mux imbili mort tikumidja lassa ta*"[13]

"*Issa mil lejla ibda ficila post il bintek ax bla faccata ha tispca.*"[14]

"*Daqt ha nigi jin minalik li ma gara xjn isma mini u ohorgu min em ax storja tinkitep ha namel* ***kif ma emx it tifla*** *ha norijk lilek ...* ***billhaq sabiha il karozza ta ommok il***

---

[10] Enfasi miżjuda mill-Qorti.

[11] Paġna 58, 7 ta' Jannar 2021 Dok. JG1.

[12] Mix-xhieda jirriżulta illi spiss kienet Joan Genovese li kienet twassal u tiġbor lill-minuri mir-residenza ta' omm l-imputat, li magħha huwa kien jirrisjedi dak iż-żmien, bil-vettura Fiat Punto kif ukoll bil-vettura l-oħra li bdiet tuża wara li l-Fiat Punto nħarqet.

[13] Paġna 61, 7 ta' Jannar 2021, Dok. JG1.

[14] Paġna 63, 7 ta' Jannar 2021, Dok. JG1.

***gdida*** *jk jivdal petrol nahsilila naqa ukoll mux al faccata biss mux ek narak min aw u ftit ihor jin*".[15]

"*Ok birah ma lehaqc imma ilum il karozza il blu insija.* ***Phal griza ha jigrijla***"[16]

"*... bili ha tamel ir raporti al Xjn ax min jin ma tafux* ***il faccata ma nistax ghax ha ikun em it tfila imma il karozza tijak nista ta serah mohok*** *hali thalu in nies kwieti.*"[17]

"*Sabiha eda il karozza iparkjata oqod attenta kif tmur isuqa anka haba* ***it tfal*** *imbili* ***iparkjata qudim il cameras mux problema****...*"[18]

"*Ilum lahhar li ha nibatilkom ax ilum* ***nahxijilek il karozza kif hxejtlek lohra*** *u ilum ahhar cans li andi nahliflek fuq familti kolla li* ***ilum nahxijilek il karozza kif hxejtlek il punto..****.*".[19]

"*Et najdlek tali bat il puluzija iktar bil qalb ha namilek ax anka il galarija ha nirangahilek al frisk igifiri* ***jekk em it tfal itfahom ximkin ihor*** *ax ha iwegaw in nies zgur.*"

"***la titlaq it tifla*** *naddi sa hdejk ta" ... "****Daqt nigi ta dw daqt titlaq it tifla*** *ilum naqtalek in nejk* ***liljek u il bintek***"[20]

"***It tifla telqet u jin nista nahdem ahjar daqt tkun hdejkom it tifla*** *Issa meta nkun komdu nigi jin*"[21]

---

[15] Dok. JG2, 9 ta' Jannar 221, paġna 68.
[16] Dok. JG2, 9 ta' Jannar 2021, paġna 68.
[17] Paġna 71, Dok. JG2, 9 ta' Jannar 2021 u Dok. JZ3, paġna 214.
[18] Paġna 78, Dok. JG2.
[19] Dok. JG2, paġna 79.
[20] Paġna 124, Dok. JG2.
[21] Paġna 125, 126 Dok. JG2.

"*Ha nibatlek lahhar messag u nitla lejn id dar jekk at tahseb li at niblafja kompli ahseb ek* ***Imma kif hrqanijlek lohra nahaqru din u lohra*** *mhux mil lum al Ada kollx bilmod...*"[22]

Dawn il-messaġġi, mibgħuta fis-7 ta' Jannar 2021 u fid-9 ta' Jannar 2021, jirriżulta li kienu qed jintbagħtu minn profili fuq Facebook ('*Haha Huhu*' u '*Jane Cassar*') bl-użu ta' *IP addresses* ipprovduti minn Melita plc[23]. Wieħed minn dawn l-*IP addresses*, li minnu ntbagħtu l-messaġġi kollha fuq riprodotti, huwa reġistrat f'isem omm l-imputat Mary Coleiro[24] fl-indirizz Entratura B, Block 1, San Ġwann T'Għuxa, Bormla[25], li huwa wkoll ir-residenza tal-imputat għaliex mill-provi jirriżulta li kien jgħix ma' ommu fiż-żmien tal-ħruq tal-vettura RDN-021 u fil-ġimgħat ta' wara[26].

Fil-fehma tal-Qorti, dan jikkostitwixxi indizzju ferm b'saħħtu li l-imputat kien involut b'mod materjali fil-ħruq tal-vettura Fiat Punto ta' Jessica Zammit, liema vettura kienet tintuża minn Joan Genovese.

Kif ingħad diġa', huwa evidenti li l-persuna li bagħtet dawn il-messaġġi għandha rabtiet personali ma' Jessica Zammit u Joan Genovese, konoxxenza intima tal-movimenti tagħhom, u wkoll mibgħeda manifesta fil-konfront tagħhom. Fuq kollox, hija konxja tal-movimenti tat-tifla ta' Jessica Zammit kif ukoll tat-tfal ta' Joan Genovese, għaliex issir referenza kontinwa għat-"*tifla*" u għat-"*tfal*" fil-kuntest tat-theddid ta' ħsara lill-faċċata tad-dar u tal-vettura tagħhom. Barra dan il-fatt illi min bagħat dawn il-messaġġi fuq Facebook fis-7 ta' Jannar 2021 u 9 ta' Jannar 2021 jistqarr bla tlaqliq, kif ukoll ripetutament, li kien hu li ħaraq il-vettura Fiat Punto u jassumi espressament ir-responsabbilita' għal dan il-ħruq, tant illi jhedded li sejjer

---

[22] Paġna 133 Dok. JG2.

[23] IP Addresses: 141.8.116.25, 212.65.104.2.

[24] Ara ċertifikat tat-twelid Dok. JS3, paġna 14 tal-atti proċesswali.

[25] Ara xhieda ta' PC1160 Justin Debono li kkonferma li rċieva personalment l-informazzjoni kollha fir-rapport Dok. JD1 – IP Address 141.8.116.24. Ara paġna 341 (Dok. JD1)

[26] Ara stqarrija tal-imputat, Dok. KV1 (paġna 464 tal-atti tal-kompilazzjojni), kif ukoll xhieda ta' Joan Genovese, 22 ta' Marzu 2021, li xehdet illi f'Jannar 2020 hija kienet twassal u tiġbor lit-tifla tal-imputat u ta' bintha Jessica Zammit, mir-residenza ta' omm l-imputat.

jaħraq ukoll il-vettura l-ġdida li kienet xtrat Joan Genovese[27] minflok il-vettura li kienet inħarqet, kif ukoll li sejjer jaħraq il-faċċata tad-dar tagħhom.

Iżda mhux hekk biss: huwa evidenti mill-messaġġi nfushom li teżisti storja ta' rapporti mal-Pulizija u proċeduri kriminali fil-konfront tal-persuna li bagħtet dawn il-messaġġi ta' theddid. Retroxxena li hija kompatibbli ferm mal-verżjoni li xehdu dwarha Jessica Zammit kif ukoll Joan Genovese[28]. Jessica Zammit xehdet dwar diversi rapporti li għamlet fil-konfront tal-imputat b'rabta ma' theddid kif ukoll ħsara ta' żebgħa fl-vettura tagħha fejn l-imputat kien inqabad jagħmel din il-ħsara fuq CCTV cameras[29], filwaqt li Joan Genovese xehdet li rrapportat lill-imputat bħala s-suspettat awtur tal-messaġġi ta' theddid li rċeviet fis-7 ta' Jannar 2021, lill-Pulizija tal-Għassa tal-Bormla u in segwitu, fid-9 ta' Jannar 2021 irċeviet iktar messaġġi ta' theddid li jagħmlu referenza għar-rapporti li kienet appena għamlet mal-Pulizija[30].

Magħdud dan kollu l-fatt illi l-messaġġi orġinaw minn IP address reġistrat f'isem omm l-imputat fl-indirizz tar-residenza tal-imputat innifsu, il-Qorti tqis li teżisti rabta materjali konklussiva bejn l-imputat u l-ħruq tal-vettura Fiat Punto RDN-021 fis-16 ta' Diċembru 2020.

Iżda b'żieda ma' dan kollu, il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll indizzji u provi ċirkostanzjali oħra li jkompli jsaħħu din ir-rabta, għaliex ukoll jippontaw lejn l-imputat bħala l-awtur jew kompliċi fil-ħruq tal-vettura RDN-021 fis-16 ta' Diċembru 2020.

Illi PC 1081 Jonathan Farrugia xehed illi meta kien arresta lil Omar Djelassi fl-10 ta' Marzu 2021, kien għarfu bħala l-persuna li kien ra fil-filmat li kien ġie elevat minn

---

[27] Joan Genovese ikkonfermat fix-xhieda tagħha li kienet xtrat karozza ġdida biex tirrimpjazza l-Fiat Punto li nħarqet.

[28] Ara Ordni ta' Protezzjoni u sentenza esebiti minn Jessica Zammit.

[29] Dwar dan saret referenza fil-messaġġi esebiti : *Sabiha eda il karozza iparkjata oqod atentta kif tmur isuqa anka haba it tfal imbili iparkjata qudim il cameras mux problema…* (paġna 78)
[30] Ara messaġġ f'paġna 71, 9 ta' Jannar 2021, fost oħrajn.

CCTV camera fl-inħawi tal-Maċina mill-espert maħtur fl-Inkjesta, f'liema filmat jidher persuna ta' statura rqiqa u mhux daqshekk twil. Għalkemm ix-xhud stqarr li ma kienx jaf lill-imputat qabel arrestah, saħaq illi xorta seta' jagħraf li kien l-istess bniedem li ra fil-filmat tal-Maċina. Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi hija rat il-filmati li ġew elevati mill-espert John Sacco[31], u fil-filmat ta' CCTV ġewwa 22, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, jidher persuna b'żarbun ċar fil-ħin reali ta' 2:39:17 a.m., tiġri lil hinn mid-direzzjoni tad-dija u jidher persuna bl-istess żarbun ċar fil-filmat ta' CCTV ta' Cuga, Gran Macina Hotel, tħaffef fid-direzzjoni tal-Bormla hija u ħierġa mill-Isla ftit minuti wara.

Għalkemm l-espert, John Sacco, iddikjara li fil-filmat ta' CCTV ta' Cugo Gran Macina[32] fil-ħin tas-2:45:54h "*tidher persuna liebsa flokk skur, qalziet ta' kulur ċar u żarbun ta' kulur ċar b'xi ħaġa f'idejha tal-lemin taqsam it-triq tiġri fid-direzzjoni ta' Bormla u ftit sekondi wara tieqaf tiġri u tkompli miexja fl-istess direzzjoni*", il-filmat relattiv[33] jibda minn wara 2:46h u għalhekk ma tidhirx il-parti mill-filmat li minnu nħarġu ż-żewġ fotogrammi relattivi (Dok. JS3)[34]. Fil-fatt, il-Qorti setgħet tara biss il-persuna minn wara li għaddiet minn quddiem il-camera, bl-identifikazzjoni tkun impossibbli.

Huwa minnu l-Ispettur Jeffrey Scicluna fix-xhieda tiegħu eskluda illi l-imputat jintgħaraf fil-filmati elevati u analizzati, iżda dan ma jfissirx awtomatikament illi l-identifikazzjoni li għamel PC 1081 Jonathan Farrugia hi definittivament ħażina jew żbaljata. Il-Qorti taqbel li ma tistax fiċ-ċirkostanzi, tagħti piż qawwi u lanqas sostanzjali lil din l-identifikazzjoni tal-imputat minn PC 1081, mhux għaliex saret *ex post facto* iżda għaliex il-Qorti ma għandhiex quddiemha l-prova ta' dik il-parti mill-filmat li abbażi tagħha saret din l-identifikazzjoni u ma jirriżultax jekk l-Ispettur

---

[31] Dok. JS2, formanti parti mir-relazzjoni tiegħu Dok. JSX.
[32] Grand Harbour Hotel, Triq 31 ta' Marzu, Isla – USB Dok. JS2
[33] Parti minn Dok. JS2.
[34] Paġna 419 tal-atti proċesswali.

Jeffrey Scicluna kienx analizza l-filmat intier jew il-filmati magħżulin li jifformaw parti mir-relazzjoni tal-espert John Sacco[35].

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq video footage elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible,* ***so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action'*** *(Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479)."*[36] (emfasi ta' din il-Qorti)

Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed.), jgħid hekk fir-rigward: -

"*... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...).*"

Ukoll:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly*

[35] Filwaqt li l-Ispettur Jeffrey Scicluna xehed illi huwa ngħata kopja tal-filmati mill-espert John Sacco wara rikors li sar lill-Maġistrat Inkwirenti (għalkemm dan ir-rikors ma jirriżultax mill-atti proċesswali), PC 1081 xehed illi huwa eleva l-filmati "*flimkien*" mal-espert John Sacco.
[36] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

*both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see*"'[37]

Iżda l-Qorti sejra żżomm quddiem għajnejha meta tiġi biex twieżen l-identifikazzjoni tal-imputat minn PC 1081 Jonathan Farrugia, is-segwenti insenjament:-

"*The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confident identification is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one. … … … In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualified identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80).* ***But as with other kinds of weak identification evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence****.*"[38] (emfasi tal-Qorti)

Għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra twarrab għal kollox din l-identifikazzjoni mill-ġabra tal-evidenza akkwiżita, għaliex hija prova ammissibbli, għalkemm għandha tittieħed b'kawtela u tingħata valur probatorju biss jekk tkun korroborata minn evidenza diretta jew indiretta oħra tal-ħtija tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta wkoll illi meta l-imputat Omar Djelassi kien involut f'inċident stradali mal-vettura misjuqa minn Ivan Borg fl-10 ta' Diċembru 2020, ċioe' sitt ijiem

[37] *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986), Ralph Gibson LJ - ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.
[38] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F18.15, pp. 2701.

qabel il-ħruq in diżamina, kien ta lill-istess Ivan Borg in-numru 99297951 bħala n-numru tal-mobile tiegħu[39] li fuqu seta' jikkuntattjah dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-ħsarat. Ivan Borg xehed illi huwa kien ta n-numru tal-mobile tiegħu lil Omar Djelassi - li għarfu minn fuq il-pedana tax-xhieda bħala l-imputat u l-persuna li tah in-numru tal-mobile 99297951 – u kien ċempillu fuqu dak il-ħin stess biex ikun ċert li seta' jikkomunika miegħu fuq dak in-numru li kien tah.  Xehed ukoll li dan il-mobile l-imputat kien ġabu minn ġewwa r-residenza fejn qal li kien joqgħod, fuq is-swar fl-inħawi tal-Bormla.  Għalkemm meta kien iċempel fuq in-numru li kien tah l-imputat, diversi drabi wieġeb xi ħadd ieħor li kien jgħidlu li huwa kollega ta' Omar u li seta' jwasslu l-messaġġ, Ivan Borg ikkonferma li l-imputat kien wieġeb huwa stess waħda minn dawn it-telefonati, u kien ukoll, f'okkażjoni oħra, ċempillu lura minn fuq dan l-istess numru 99297951.

Dan huwa biżżejjed biex jiġi stabbilit ness bejn l-imputat u n-numru tal-mobile 99297951.  Fil-fatt, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, l-imputat filwaqt li għall-ewwel ċaħad li n-numru 99297951 huwa numru tal-mobile tiegħu, eventwalment stqarr li n-numru ma kienx ġdid u jista' jkun li ġieli għamel użu minnu, iżda ma setax jiftakar fejn jafu għaliex dak iż-żmien kien juża ħafna mobiles.

Iżda l-konnessjoni bejn l-imputat u n-numru tat-telefon ċellulari 99297951 hija ulterjorment stabbilita mix-xhieda ta' PC381 Jonathan Farrugia[40] illi fix-xhieda tiegħu ikkonferma tabilħaqq li kien għamel kuntatt ma' Omar Djelassi fuq in-numru tal-mobile 99297951, fejn kien wieġeb l-istess Omar Djelassi u kien qallu biex jirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Bormla.  Ix-xhud qal li għaraf leħnu għaliex kien kellmu fuq diversi rapporti fil-passat.

---

[39] Skont ix-xhud, l-imputat qallu: "*Ħa nagħtik il-mobile tiegħi biex tikkuntattjani minħabba l-inċident*" – paġna 186 tal-atti proċesswali.
[40] Xhieda tat-30 ta' Marzu 2022 – ara wkoll rapport tal-okkorenza Dok. JF1 paġna 240 et seq. tal-atti.

B'żieda ma' dan, PS 1166 Luca Grasso xehed[41] illi meta ċempel lil omm l-imputat, Mary Coleiro, għaliex ma kienx seta' jagħmel kuntatt mal-imputat, hija kienet tatu n-numru tal-mobile 99297951 bħala n-numru tal-mobile li juża binha u li jċemplilha minn fuqu biex jagħmel kuntatt magħha.

Dan hu sinjifikanti għaliex mir-relazzjoni ta' Keith Cutajar, l-espert li ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti bl-inkarigu, *inter alia*, li jagħmel IT data extraction minn diversi media diġitali u jikseb informazzjoni minn *internet service providers*[42], jirriżulta li in-numru 99297951 mhux biss kien attiv ferm fis-16 ta' Diċembru 2020 fil-ħinijiet li nħarqet il-vettura RDN-021, iżda jidher ukoll li l-utent kien jinsab fl-akkwati tal-Isla.

Mill-provi jirriżulta li l-vettura RDN-021 inħarqet bejn is-2:30 a.m. u 2:45 a.m. Minn eżami tar-relazzjoni Dok. KC1, senjatament il-*geolocation data* tan-numru 99297951 provdut minn Epic Communications Limited[43], in-numru 99297951 irċieva telefonata fis-2:42:08 a.m., ċioe' proprju fil-ħin tal-ħruq[44], liema telefonata issinkronizzat mal-antenna ta' Senglea. Imbagħad, it-tliet telefonati li saru minnufih wara, fis-2:43:15 a.m., 2:45:40 a.m. u 2:46:58 a.m., qabdu maċ-ċellola ta' Cospicua. Dan ipoġġi lin-numru tal-mobile li kien juża l-imputat dak iż-żmien, fl-akkwati tal-Isla (fejn sar il-ħruq) u ftit tal-minuti wara, fl-akkwati tal-Bormla (fejn l-imputat kien jirrisjedi ma' ommu). Din hija wkoll l-istess direzzjoni li fiha kienet qiegħda taħrab il-persuna identifikata mill-filmati minn PC 1081 Jonathan Farrugia, bħala Omar Djelassi.

Huwa minnu li t-telefonata li oriġinat min-numru 99297951 ftit tal-minuti wara, fit-2:50:18 a.m., jirriżulta li ikkollegat mas-cell tower tal-Fgura-Bulebel[45], liema cell

---

[41] Xhieda tal-15 ta' Lulju 2021.

[42] L-espert xehed quddiem il-Qorti fejn afferma li kien ingħata dan l-inkarigu direttament mill-Maġistrat Inkwirenti il-Maġistrat (illum Imħallef) Audrey Demicoli personalment fis-sigrieta tagħha, għalkemm din il-ħatra ma jidhrix li saret permezz ta' digriet bil-miktub. Id-difiża ma kontestatx ir-regolarita' o meno tal-ħatra ta' Keith Cutajar u jew l-ammissibbilita' o meno tar-relazzjoni tiegħu Dok. KC1, tant illi ressqitu biex jixhed in kontro-eżami dwar il-konklużjonijiet fir-relazzjoni tiegħu.

[43] Appendiċi 1 (DVD) ta' Dok. KC1.

[44] Fis-2:39:17 RTC, Dok. JS2 (paġna 403 tal-atti proċesswali) tidher dija qawwija u persuna ġejja tiġri mid-direzzjoni tad-dija. Ara wkoll xhieda ta' Jessica Zammit: irċeviet telefonata mill-Għassa tal-Pulizija tal-Bormla dwar il-ħruq, għall-ħabta tat-2.45 a.m.

[45] *Geo location data* fuq DVD Appendiċi 1 ta' Dok. KC1.

tower, anke kif jidher mill-istess relazzjoni, m'hijiex l-iktar ċellola qrib l-Isla[46], iżda kif xehed l-istess espert, dan ma jfissirx illi t-telefonata oriġinat mill-Fgura. Kif xehed l-istess espert in kontro-eżami:-

"*... l-ebda geo-localisation ma tista' tkun preċiża mija fil-mija jiġifieri to the nearest metre. ... Meta jkollna dettalji ħafna data .... ħafna mid-drabi through practice the nearest localisation hi 5 – 10 metre. ... Jekk jien imqabbad .... mal-antenna ta' Marsaxlokk, ma jistax ikun li qiegħed il-Mellieħa. Ir-raġuni hi li hemm ħafna iktar antennas fin-nofs li ħafna drabi naqbad magħhom.*

... ... ...

*... jekk għandek ċertu areas li huma densely populated, għalkemm qiegħed il-Belt u bħalissa l-antenna tal-Belt hija heavy loaded għax ovvjament hawn it-turisti etc etc, jaf qed jaqbadli mal-antenna ta' Tas-Sliema. Ir-raġuni hi qiegħda within range, qiegħda ġustifikabbli u bażikament hi l-aħjar waħda bħalissa li tisservizzjani.*"[47]

Fil-fatt, it-telefonata li saret minn dan in-numru fit-3:01:55 a.m, qabdet mas-cell tower ta' Ħal Tarxien u t-telefonati li rċieva dan in-numru immedjatament wara - fit-3:02:58 a.m., fit-3:07:45 a.m. u fit-3:19:04 a.m. - qabdu ma' ċelloli differenti (Ħal Għaxaq u Bulebel rispettivament).

Din il-*geolocation data* mhux biss ma tagħmel xejn biex jeskludi li l-mobile li jirriżulta li dak iż-żmien kien qed jagħmel użu minnu l-imputat Omar Djelassi, kien fl-akkwati tal-Isla fil-ħinijiet preċiżi meta nħarqet il-vettura RDN-021, iżda iktar minn hekk, turi illi l-imputat kien attiv f'ħinijiet li fil-fehma tal-Qorti m'humiex ħinijiet li normalment wieħed jagħmel jew jirċievi numru sostanzjali ta' telefonati. *Multo magis* fl-assenza ta' xi ħjiel mill-provi u l-atti proċesswali, li l-imputat kien jaħdem xogħol

---

[46] Cell towers ta' Cospicua, Bormla u Kalkara, per eżempju, jidher li huma iktar viċin minn dak tal-Fgura. Fil-15 ta' Diċembru 2020 fil-11:49:20 p.m., tliet sigħat qabel il-ħruq, in-numru 99297951 irċieva telefonata li qabbdet mas-cell tower ta' Bormla Church. Ma jirriżultax mill-provi li dawk il-ħinijiet l-imputat kien qiegħed jagħmel xi attivita' partikolari, per eżempju kien fuq xogħol li kien jinvolvi sewqan.

[47] Per eżempju, it-telefonata li saret fis-1:35:37 a.m., biss ftit minuti wara dik tal-1:24 am fis-16 ta' Diċembru 2020 li qabdet mas-cell tower tal-Fgura-Bulebel, qabdet mas-cell tower ta' Ħal Balzan. Telefonata oħra minn dan in-numru saret fis-1:29:53 a.m. fis-16 ta' Diċembru 2020 li qabdet mas-cell tower ta' Paola (2B).

ta' bil-lejl jew kellu raġunijiet leġittimi biex ikun qed iċempel u jirċievi telefonati f'dawk il-ħinijiet ġewwa l-Isla.

Għalkemm waħedha din id-*data* tfisser ftit li xejn u żgur mhux biżżejjed biex twassal għal xi konklużjoni dwar il-ħtija tal-imputat għall-ħruq tal-vettura RDN-021, meta din titwieżen u tiġi evalwata fl-isfond tal-indizzji l-oħra kollha, tassumi relevanza partikolari. Dan qed jingħad speċifikatament iżda mhux biss[48], b'referenza għall-prova iktar skjetta konsistenti fis-serje ta' messaġġi li ftit ġimgħat wara l-ħruq, intbagħtu mill-IP address reġistrat fl-indirizz tar-residenza tal-imputat Omar Djelassi, lil Jessica Zammit u Joan Genovese (is-sid liċenzjat u l-utent, rispettivament, tal-istess vettura RDN-021) li kienu diġa' jinsabu fil-mira ta' theddid da parti tal-imputat[49], messaġġi li ntbagħtu **minn profil b'ritratt ta' Jessica Zammit u l-partner korrenti tagħha u li fihom issir referenza għall-ħruq tal-vettura tal-għamla Fiat Punto, u jiġi ammess bla tlaqliq li min bagħat dawn il-messaġġi wettaq dan id-delitt**.

Għalhekk, kollox magħdud, il-provi ċirkostanzjali kollha fl-assjem tagħhom jissawru f'ġabra ta' evidenza li tipponta univokalment lejn l-imputat bħala persuna li kien materjalment parteċipi fil-ħruq tal-vettura RDN-021. Fil-fatt, rinfaċċjata bil-ġabra tal-provi u indizzji kollha fl-assjem tagħhom, il-Qorti ftit li xejn jibqagħlha dubju dwar l-involviment tal-imputat fil-ħruq doluż tal-vettura RDN-021.

Fil-fatt, il-Qorti tirravviża dik is-sikurezza ossia suffiċjenza probatorja fl-assjem tal-provi proċesswali li tistabbilixxi b'mod fejjiedi l-ħtija tal-imputat lil hinn minn dubju li huwa raġjonevoli.

Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) jgħidu hekk:-

---

[48] Hemm ukoll l-evidenza li turi li persuna tidher tiġri fit-triq faċċata ta' Triq il-Mina tax-Xatt (li tiġi Triq il-Vitorja) fid-direzzjoni lejn il-Bormla u terġa' tidher tiġri 'l barra mill-Isla lejn il-Bormla ftit minuti wara, fejn hawnhekk intgħarfet bħala Omar Djelassi minn PC 1081.

[49] Ara per eżempju sentenza Dok. X, paġna 384 tal-atti proċesswali.

*"Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* [50].

Huwa minnu li l-imputat mhux obbligat jipprova xejn iżda l-Qorti hi tal-fehma li minkejja ġie stabbilit konklussivament mill-ġabra tal-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni li hemm ness evidenti bejn l-imputat u l-ħruq tal-vettura RDN-021 fis-16 ta' Diċembru 2020 ġewwa l-Isla, l-imputat, għad illi jiċħad kategorikament il-ħtija tiegħu ma' dan il-ħruq, ma ressaq l-ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difiża, biex jitnissel dubju f'moħħ il-Qorti dwar is-sehem tiegħu f'dan id-delitt u biex jikkonvinċi li fuq bażi ta' probabbilita' ma kienx involut jew li l-evidenza tipponta raġjonevolment lejn terza persuna bħala l-aġent tar-reat. Effettivament, il-Qorti ma tirravviża l-ebda xenarju ieħor kwalsiasi, wisq inqas wieħed raġjonevoli, li jista' jnaqqas b'xi mod mill-univoċita' tal-evidenza ċirkostanzjali imressqa mill-Prosekuzzjoni u li tirriżulta mill-atti proċesswali, jew inaqqas mill-konvinċiment morali tal-Qorti, dwar il-parteċipazzjoni tal-imputat Omar Djelassi, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, fit-twettiq ta' dan id-delitt.

Għaldaqstant, il-Qorti hija abbundantement sodisfatta li l-provi, meħuda komplessivament, juru b'mod konklussiv illi l-imputat Omar Djelassi kien parteċipi b'mod materjali fid-delitt tal-ħruq tal-vettura RDN-021.

Ikkunsidrat;

---

[50] Ċitat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Freddie Delia et**. Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut: *"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, <u>in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales."* – enfasi ta' din il-Qorti.

Illi stabbilit lil hinn minn kull dubju raġjonevoli r-rabta bejn l-imputat u l-ħruq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RDN-021, jonqos li jiġi stabbilit jekk jikkonkorrux l-elementi essenzjali tar-reat indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ċioe' l-artikolu 317 tal-Kap. 9. Dan jiddisponi li huwa ħati tar-reat ta' ħruq b'perikolu komuni:-

"*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna...*"

Huwa ppruvat sodisfaċjentement illi effettivament, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RDN-021 ingħatat in-nar volontarjament. Dr. Daniel Vella, l-espert kimiku li ġie maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, xehed illi għalkemm ma kienx sab traċċi fuq il-post li l-vettura setgħet tqabbdet bihom, mill-eżamijiet li wettaq seta' jikkonkludi b'probabbilita' kbira illi li l-vettura tqabbdet intenzjonalment bl-użu ta' aċċellerant u mhux qabdet waħedha, u dan minħabba l-fatt illi kienet maħruqa b'mod assimetriku ferm. Eskluda li n-nar beda b'mod aċċidentali mill-intern tal-vettura jew li kien hemm xi ħaġa annormali fil-wiring tal-magna li seta' kkaġuna l-ħruq u kkonferma illi din il-vettura nqerdet għal kollox bin-nar.

Fir-relazzjoni tiegħu Dr. Daniel Vella kkonferma wkoll li l-vettura Kia Piacanto DBR-564 qabdet b'mod sekondarju u aċċidentali bis-sħanat tan-nar li kien qed iħeġġeġ fuq il-vettura l-oħra li kienet biss distanza qasira 'l bogħod. Il-fatt li l-vettura DBR-564 inqabdet bin-nar li ħaraq il-vettura pparkeġġjata warajha, jirriżulta wkoll mix-xhieda

ta' Victor Caruana, is-sid liċenzjat u ta' diversi xhieda oħra, fosthom Jessica Zammit u PC 1038 Adrian Zammit, kif ukoll mir-relazzjoni ta' PC 122 Arthur Borg[51].

Iżda b'żieda ma' dan, huwa stabbilit ukoll mill-provi illi bin-nar li tkebbes fil-vettura ta' Jessica Zammit, qabdet ukoll il-faċċata tal-fond ta' Daren Brincat ġewwa 36, Triq il-Vitorja, Isla. Daren Brincat xehed illi ra ballun nar mal-faċċata tad-dar tiegħu u kkonferma li l-faċċata bdiet taqbad bin-nar li kien qed jaħkem iż-żewġ karozzi li kienu pparkjati quddiem id-dar tiegħu. Xehed ukoll li daħal romblu duħħan iswed fid-dar u kellu jitla' fuq il-bejt fejn minn hemmhekk kellhom jitilgħu għalih bil-fire engine biex seta' joħroġ mid-dar. Jessica Zammit xehdet illi din id-dar kienet sewda bil-ħruq, bil-gallarija tal-injam maħruqa u mkissra. PC 1081 Jonathan Farrugia wkoll ikkonferma illi l-faċċata tal-fond 36, Missing, Triq il-Vitorja, Isla, kienet maħruqa sew.

Din il-faċċata maħruqa tidher fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 122 Arthur Borg (Dok. AB1) senjatament ir-ritratti f'paġna 363 u minn paġna 369 sa paġna 371. Kemm hu hekk, l-espert ġudizzjarju l-Perit Valerio Schembri ikkwantifika l-valur totali tal-ispiża biex tissewwa l-ħsara kkaġunata fil-faċċata tal-fond 36, Triq il-Vitorja, Isla, b'rizultat tal-ħruq mertu ta' dan il-każ, huwa ta' €5,500.

Minn dan kollu jirriżulta illi jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat maħsub fit-tieni parti tal-artikolu 317 tal-Kap. 9, għaliex ingħata volontarjament in-nar lill-vettura RDN-021, liema vettura kienet b'mod li qabbdet il-ħruq lil vettura oħra, kif ukoll lil bini ieħor li f'dak il-waqt kien hemm ġewwa Darin Brincat. Billi kif appena stabbilit, il-ħruq qabbad band'oħra iżda ebda persuna ma tilfet ħajjitha kaġun ta' dan il-ħruq, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) subinċiż (i) tal-imsemmi artikolu 317. Dan qed jingħad għaliex għall-Qorti huwa ovvju li billi kien hemm biss bankina dejqa li kienet qed tifred il-vettura li tkebbset bin-nar mill-binja li effettivament inħarqet, l-imputat seta' jobsor mhux biss li l-vettura kienet b'mod li setgħet tqabbad din il-binja iżda seta' jobsor ukoll li kien hemm xi persuna ġewwa d-dar li effettivament ħadet in-

[51] Ara ritratti formanti parti minn Dok. AB1.

nar mill-ħruq tal-vettura[52]. Wara kollox, din id-dar hija wkoll evidentement dar ta' abitazzjoni anke għaliex tinsab f'żona residenzjali u n-nar ingħata bil-lejl fil-ħinijiet meta wieħed jistenna li r-residenti jkunu ġewwa reqdin u mhux jiġru barra.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati tad-delitt taħt l-artikolu 317(a)(i) tal-Kap. 9 stante li n-nar qabbad lil bini li fih kien hemm ġewwa persuna fil-waqt tal-ħruq.

In kwantu għall-vettura ta' Victor Caruana li wkoll qabbdet bin-nar, hawnhekk isibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 317(a)(ii) għaliex filwaqt li n-nar li ngħata lill-vettura RDN-021 qabbad band'oħra, ċioe' lil vettura oħra, mhux il-każ li seta' jobsor li kien hemm persuna ġewwa għaliex dak il-ħin din kienet ipparkjata fit-triq.

Iżda billi l-istess att ta lok għall-ksur ta' żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi, għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 317(a)(i) tal-Kap. 9.

L-espert Dr. Mario Buttiġieġ ikkostata fir-relazzjoni tiegħu illi ż-żewġ vetturi, Fiat Punto RDN-021 u Kia Picanto DBR-564, ġew distrutti totalment u l l-valur fit-triq tagħhom kien ta' ċirka €1,300 u €1,800 rispettivament[53].

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9.

Għalkemm jirriżulta, effettivament, illi l-imputat bl-azzjonijiet tiegħu, volontarjament għarraq jew għamel ħsara lill-binja ta' Darin Brincat u lill-vettura ta' Victor Caruana, il-Qorti ma tqisx li tista' tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qed jingħad għaliex għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, il-mezzi li jiġu applikati mill-aġent biex jgħarraq jew iħassar ħwejjeġ ħaddieħor, iridu jkunu

[52] Ara ritratt fir-relazzjoni Dok. AB1.
[53] In kwantu għall-vettura DBR-564, ġie kostatat li din ġiet ridotta fi stat tajjeb biex tinbiegħ bħala spare parts u l-bqija tiġu skreppjata - ara rapport Dok. DV1.

xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli preċedenti tas-Sub-Titolu IV[54], fosthom il-ħruq doluż[55]. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkommetta dan ir-reat partikolari meta jinsab ġia' ppruvat li huwa kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 317(a) tal-Kap. 9 u qed jinstab ħati dwaru.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll li wettaq delitt waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Fir-rigward xehdet id-Deputat Reġistratur Marilyn Lauria Marmara għan-nom tar-Reġistratur tal-Qorti li bil-ġurament tagħha esebiet[56] kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Djelassi**[57], liema kopja ġiet debitament awtentikata bit-timbru tad-Deputat Reġistatur tal-Qorti li erogat is-sentenza. Il-ħati li ġie kkundannat f'din is-sentenza, Omar Djelassi, għandu l-istess konnotati bħall-imputat odjern kif jidhru fl-estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu (Dok. JS3) u l-istess numru tal-karta tal-identita' ċioe' 990997M. Permezz ta' din is-sentenza, Omar Djelassi, l-imputat odjern, ġie kkundannat sentenza ta' priġunerija għal sentejn, liema sentenza ġiet sospiża bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 għal żmien tletin (30) xahar.

L-Assistent Reġsitratur tal-Qorti Stephanie Calafato Testa xehdet[58] illi ma ġie interpost l-ebda appell minn din is-sentenza.

---

[54] (Fuq id-Delitti Kontra s-Sigurta' Pubblika u fuq Ħsarat fil-Proprjeta') tat-Titolu IX (Fuq id-Delitti kontra l Proprjeta' u kontra s-Sigurta' Pubblika), Taqsima II ta-Ewwel Ktieb.

[55] *".....biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghid ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti..."* – **Il-Pulizija vs. Valentine Sciberras**, deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007.

[56] Xhieda tat-23 ta' Settembru 2021.

[57] Dok. Y, paġna 387 *et seq.* tal-atti proċesswali.

[58] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2022.

Hu indiskuss li fis-16 ta' Diċembru 2020 meta l-imputat wettaq id-delitt taħt l-artikolu 317 tal-Kap. 9, liema delitt huwa punibbli bil-priġunerija, kienu għaddew biss sitt xhur minn meta skatta l-perijodu operattiv ta' tletin xahar. Għalhekk dan kien għadu fis-seħħ meta l-imputat ikkommetta r-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi tal-kommissjoni tar-reat taħt l-artikolu 317 tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi għandha tordna li s-sentenza ta' priġunerija li l-imputat ġie kkundannat bis-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, għandha tibda sseħħ għaliex ma jidhirlhiex li għandha tastjeni milli tagħmel ordni biex is-sentenza tibda sseħħ jew tibdel jew testendi l-ordni oriġinali.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa wkoll mixli bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet li bih kien ingħata l-ħelsien mill-arrest. Kopja ta' digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu Omar Djelassi ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) v. Omar Djelassi**, ġiet esebit fl-atti bil-ġurament tad-Deputat Reġsitratur Marilyn Lauria Marmara għan-nom tar-Reġistratur tal-Qorti (Dok. Z)[59]. L-Ispettur Eman Hayman, l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali li fihom ingħata d-digriet in diżamina, xehed[60] illi l-imputat Omar Djelassi f'dawk il-proċeduri, huwa l-imputat odjern u għarfu minn fuq il-pedana tax-xhieda. Ikkonferma wkoll illi fil-21 ta' Frar 2022 il-kawża prosegwita minnu kienet għadha pendenti u li sa dakinhar, il-kundizzjonijiet imposti fid-digriet li bih l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest ma kienux ġew varjati b'xi mod.

Għall-Qorti dan ifisser li ġie sodisfaċjentement ippruvat illi l-kundizzjoni bin-numru erbgħa (4) fid-digriet Dok. Z, ċioe' li l-imputat ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, kienet għadha fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru

[59] Xhieda tat-23 ta' Settembru 2021.
[60] Xhieda tal-21 ta' Frar 2021.

2020 meta kkommetta d-delitt taħt l-artikolu 317 tal-Kap. 9, bil-konsegwenza li bil-kommissjoni ta' dan id-delitt, huwa naqas ukoll milli jħares waħda mill-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu fid-digriet tal-10 ta' Settembru 2020 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Fil-fehma tal-Qorti, il-ksur tal-kundizzjoni li l-imputat li jkun inħeles mill-arrest taħt garanzija ma jikkommettix delitt volontarju ieħor waqt li jkun hekk meħlus, huwa l-iktar nuqqas gravi għaliex l-imputat ikun ġie arrestat sewwasew fuq suspett raġjonevoli tal-kommissjoni ta' reat u jingħata l-ħelsien mill-arrest fuq il-kostatazzjoni *inter alia* li ma jkunx jeżisti biza' li jikkommetti reati oħrajn waqt li jkun hekk meħlus mill-arrest.

Il-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju tas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2022 fil-proċeduri msemmija li fihom kien ingħata d-digriet li bih l-imputat ġie meħlus mill-arrest, fejn l-imputat ġie liberat mill-akkużi li nġiebu kontrih f'dawk il-proċeduri. Ma nġabitx prova li l-proċeduri għadhom pendenti għaliex ġie interpost appell mis-sentenza msemmija.

Għalhekk, m'hijiex sejra tordna r-riarrest tal-imputat billi llum id-digriet in diżamina ma għadux fis-seħħ u l-imputat ma għadux meħlus mill-arrrest iżda effettivament liberat minn kull ħtija. Madanakollu, billi huwa kiser waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest waqt li dan id-digriet kien fis-seħħ, il-Qorti sejra tordna l-konfiska tal-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) mill-ammont kollu stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija[61].

Ikkunsidrat;

[61] Hawnhekk isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali tar-reati u pieni fejn l-istess att jikkostitwixxi l-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi u b'hekk, iktar minn reat wieħed u konsegwentement, għandha tinghata l-piena għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-każ huwa r-reat taħt l-artikolu 317 tal-Kap. 9.

Illi għal-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-gravita' estrema tar-reati li l-imputat qed jinstab ħati dwarhom, il-fatt illi huwa diġa' ġie kkundannat għal reat fil-passat kif ukoll il-fatt illi biex wettaq dawn ir-reati huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu ġew imposti fuqu. Fuq kollox il-fatt illi l-imputat qatt ma wera ebda rimors għal egħmilu u l-fatt illi jirriżulta li għandu problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga li bla dubju ma tgħin xejn biex tbiegħed lill-imputat mit-triq tal-kriminalita'. Iktar minn hekk il-fatt illi matul l-aħħar snin minkejja diversi opportunitajiet li ngħtawlu, ma jidhrix li l-imputat għamel xi sforz notevoli biex jindirizza din il-problema u jtejjeb ħajtu. L-imputat huwa ta' theddida għas-soċjeta' u partikolarment għal-vittmi tar-reati tiegħu u għaldaqstant filwaqt li l-Qorti tifhem li l-imputat għandu jingħata l-għajnuna kollha biex jirriforma u jirrijabilita ruħu, jeħtieġ li jingħata piena karċerarja.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat taħt l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali addebitat fit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 28B, 317(a)(i)(ii) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil OMAR DJELASSI ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah ħames (5) snin priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-artikolu 28B tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza li ngħatat fit-18 ta' Ġunju 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront tal-ħati, fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) v. OMAR DJELASSI</u> (Dok. Y), fejn ġie kkundannat sentejn priġunerija, tidħol fis-seħħ.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati OMAR DJELASSI għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti, tas-somma totali ta' erbat elef erba' mija u erbgħa u sebgħin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€4,474.83) rappreżentanti parti mill-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu**

**mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, fi żmien sentejn mil-lum[62].**

**Għall-fini tal-artiklou 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati OMAR DJELASSI iħallas lil Jessica Zammit u Joan Genovese *in solidum,* is-somma ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300), lil Victor Caruana is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u lil Darren Brincat is-somma ta' ħamest elef u ħames mitt Euro (€5,500), ilkoll in linea ta' kumpens għat-telf subit minnhom, rispettivament, b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed jinstab ħati, liema ħlas, b'kollox tmint elef u tliet mitt Euro (€8,300) liema ħlas għandu jsir f'kull każ sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Jessica Zammit u Joan Genovese għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri kif tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata trattament biex jindirizza u jegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga kif ukoll sabiex jingħata trattament psikoloġiku għall-kundizzjoni ta' *attention defecit hyperactive disorder* (ADHD).**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-eżekuzzjoni tal-ordni mogħti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif**

[62] John Sacco (€2,545.84 – iżda l-Qorti ma taqbilx li s-somma eċċessiva likwidata mir-Reġistratur għall-ħlas lil dan l-espert, għandu jerfagħha in toto l-ħati u sejra tillikwida s-somma ta' €1,545.84 bħala s-somma rappreżentanti l-ispejjeż dovuti lil dan l-espert u li bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, huwa raġjonevolment u ġustament dovut mill-ħati lir-Reġistratur), Dr. Daniel Vella (€605.58), Perit Valerio Schembri (€995.16), Keith Cutajar (€449.92) u PS 122 Arthur Borg (€95.40) u Dr. Mario Buttigieg (€782.93).

**ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jimplimenta l-Ordni ta' Trażżin u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation u Parole u l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi biex jiġi implimentat l-Ordni ta' Trattament.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**